MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2013

Numru. 502/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin J. Farrugia]**

**vs**

**Stephen Tonna**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Tonna detentur tal-karta tal-identita` numru 273382 (M).

Akkuzat talli:
Nhar nhar il-31 ta' Jannar, 2010 minn Triq Santa Marija n-Naxxar u f'dan il-Gzejjer Maltin ikkommetta serq ta' propjeta' (6 blokki tal-konkos) ghad-dannu ta' Carmel Vella li ghandu n-numru tal-identita' 0821152(M) w terzi persuni ohra liema serq kwalifikat, bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), u bil-lok (Art269c)

Fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar, 2010 u fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, 2010, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu, lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun jew fixkel lil xi hadd kontra l-ligi jindahal f'hwejjeg haddiehor skont id-disposizzjoni tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat id-dokumenti kollha inkluzi l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens sabiex din il-Qorti tisma' l-kawza bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha zewg akkuzi li huma simili hafna izda illi jiddistingwu lilhom innfushom b'element wiehed. Illi dawn huma r-reati ta' serq u ta' *ragion* fattasi.

Illi l-Qorti f'dawn il-kazijiet ta' *ragion fattasi* trid toqghod mal-elementi rikjesti li hargu tul is-snin mill-Qrati taghna u dawn huma:

(1) Att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni, espresso jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor; u

(2) Il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; u

(3) Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *'di private braccio'* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika; u

(4) In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt gravi. [1]

[1] ***Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia (App Krim 17/2/95)***

Illi dawn l-elementi iridu jkunu kollha prezenti waqt il-kummissjoni tar-reat sabiex jissussisti r-reat ta' *ragion fattasi*.

Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-

***"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...." .***

Inoltre l-Qorti tal-Cassazione ta' Ruma ukoll irriteniet li :-

***"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre , 1916 - Bollett Pen. 1917 , p..140]***

Fuq dan l-element Il-Professur Mamo jelabora illi:

***"..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent ; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised..... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself ( e.g.***
***because he restores the thing ) ...the crime of theft juridically continues to subsist , inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases" .***

Pero` l-istess awtur ikompli jghid (op. cit. p. 306) li :-

---

***Pulizija v. Salvatore Farrugia (App Krim 14/12/57)***
***Pulizija v. Carmelo Ciantar (18/9/96)***

***“The “animus lucrandi” is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right , in which case you may have in appropriate circumstances , the offence under section 84 (illum Section 85) of the Criminal Code”.***

Illi mill-provi prodotti rrizulta b’mod specjali mix-xhieda tal-kwerelant Carmelo Vella (a fol 21 tal-process) fejn qal illi f’Jannar tal-2010 huwa pogga fuq proprjeta’ tieghu sitt (6) blokki tal-konkos gol-passagg fejn huwa kellu dritt jghaddi u meta mar l-ghada fil-ghodu huwa ma sabhomx hemm. Huwa spjega illi il-passagg ghandu dritt li jghaddi wkoll l-imputat minnu izda hu ma blukkahx kollu izda erba’ (4) piedi biss minnu.

Illi Vella spjega il-mottiv ghaliex huwa pogga dawn il-blokki, u dan ghaliex skont hu kien hemm hajt divizorju li kien jiddividi dan il-passagg minn sqaq fejn ghandu dritt li jghaddi l-imputat u ghalhekk meta huwa ma sabux hemm il-hajt, huwa ddecieda li jaghmel dawn il-blokki minflok. Huwa jippreciza illi dawn il-blokki ghamilhom fuq il-proprjeta’ tieghu.

Hu jixhed illi kemm-il darba sabu maqluh dan il-hajt u jerga’ jaghmlu u dan jghid li l-imputat kien dejjem jaqilghu sabiex ikun jista’ jghaddi bl-ingenji ghaliex mill-isqaq biss ma setax.

Darba wahda avvicinah l-istess imputat u qallu li jrid jghaddi minn hemm ukoll u Vella qallu li jhallih biss jekk jaghmlu ftehim bil-miktub. Izda huwa jispjega illi dak il-ftehim qatt ma sar u ghalhekk ghamel dawk il-blokki tal-konkos.
Jispjega wkoll illi dawn il-blokki sparixxew u damu hames xhur ma jaf x’sar minnhom meta darba wahda gie l-imputat u staqsieh fejn kien ser ipoggi dawk il-blokki u hu qallu li ried ipoggihom fejn kienu izda l-imputat irrifjuta li jaghmilhom fejn kienu ghaliex bihom ma setax jghaddi bl-ingejni.

Illi mix-xhieda tal-imputat Stephen Tonna jirrizulta illi hekk kif qal Carmelo Vella kien hemm dan il-passagg go dan l-isqaq li xi sitt xhur qabel l-incident Tonna nehha il-hajt ghaliex hekk kien qallu Vella. Li mhumiex qeghdin jaqblu l-partijiet hu dak li qal Vella illi dan kien bil-patt u l-kundizzjoni li ssir marka taht l-art sabiex il-quddiem kiunu jafu fejn kien, (li din il-marka diga` kienet bdiet issir mill-imputat Tonna izda kien waqaf jiskava ghaliex qal illi l-art kienet iebsa wisq) u suggett ukoll ta' ftehim bil-miktub, li dan il-ftehim ukoll qatt ma sar u l-anqas ma giex esebit xi forma ohra ta' ftehim mill-imputat.

Illi Tonna zied jghid ukoll illi dawn il-blokki gew ritornati minnu lil Vella izda minflok ma ghamilhom fejn kienu, huwa waddabhomlu go ghalqa tal-istess Vella (Dok ST1).

Illi ghaldaqstant jirrizulta b'mod car illi l-elementi ta' serq f'dan il-kaz certament ma gewx ippruvati ghaliex kif gie ppruvat, dawn il-blokki gew ritornati lura lill-kwerelant Carmelo Vella, izda izjed important, dawn tnehhew ghaliex Tonna hass li kellu xi dritt meta sitt xhur qabel tnehha dak il-hajt u ghalhekk meta ra dawk il-blokki huwa ried inehhihom biex ikun jerga' jista' jidhol go dan il-passagg.

Illi ghalhekk huwa kaz klassiku ta' *ragion fattasi* min-naha tal-imputat Stephen Tonna ghaliex anke jekk kien veru illi huwa ghamel xi xhur jghaddi minn hemm minghajr dak il-hajt muri fir-ritratti a fol 32 tal-process, dan id-dritt kien biss wiehed prekarju u suggett ghal ftehim bil-miktub. Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-verzjoni tal-kwerelant Carmelo Vella kienet l-aktar wahda kredibbli tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 269 (c) u Art 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Stephen Tonna hati biss tat-tieni akkuza u tikkundannah multa ta' mitejn Ewro (EUR 200) filwaqt li tilliberah mill-ewwel akkuza. Il-Qorti tordna wkoll illi l-istess imputat ghandu jirripristina dawk il-blokki tal-konkos skont ir-ritratti a fol 32 tal-process lura fejn kienu u dan fi zmien

gimghatejn millum u fin-nuqqas ghandhom japplikaw id-dizpozittivi tal-Art 377 (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussujonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------